

*Il-Ħajja ta' San Ġiljan kif Irrakkuntata matul is-Snin (XI)*

# Il-Ħajja ta' San Ġiljan skont P. Martino Mannelli

## It-Tielet Parti

**Andrew Borg**
B.Ed. (Hons.), M.Ed., D.E.A.M

*Din hija t-tielet u l-aħħar parti tat-traduzzjoni tiegħi ta' dokument li sibt fl-Arkivju tal-Knisja ta' Lapsi, dokument li ħalliehulna b'wirt il-mibki saċerdot tagħna Dun Anton Sciberras, għax fil-fatt il-verżjoni li għandna hija ttajpjata minnu stess u ġġib bħala titlu: 'Vera Copia della Storia di San Giuliano Ospitaliere che si trova nella Chiesa Parrochiale di San Giuliano.' Fis-sentejn li għaddew ippreżentajna l-ewwel tnax-il kapitlu ta' dan ir-rakkont u konna għalaqna b'San Ġiljan iġorr il-pellegrinni bid-dgħajsa tiegħu min-naħa għall-oħra tax-xmara. Hawnhekk se nippreżentaw l-għeluq glorjuż tal-ħajja tal-qaddis tagħna.*

### KAPITLU XIII

Malajr din il-ħidma ta' Ġiljan żviluppat f'xi ħaġa ferm aktar biex seta' jikber u jisseddaq il-virtù tal-karità f'Ġiljan tagħna. Filwaqt li żdiedet bil-bosta f'dawk in-naħat, il-miżerja komuni, minħabba fil-ħsad ferm ħażin tal-prodotti tar-raba', u fl-istess ħin naqas drastikament ix-xogħol u allura l-introjtu tal-familji, beda jinfirex mard, li tefa' lil ħafna f'qiegħ ta' sodda u żviluppat bħal influwenza kerha, li meta wieħed iqis il-firxa u l-intensità tagħha jista' jqabbilha ma' xi episodju tal-pesta. Din laqtet l-aktar lill-fqar li kien jiltaqa' magħhom ta' spiss Ġiljan fil-ħidma tiegħu. Sadanittant kulħadd kien dara jmur għandu; kulħadd kien ifittxu għal xi parir, kif ukoll għal kwalunkwè għajnuna; għaliex lilu bdew jarawh bħala missierhom, it-tabib tagħhom, is-salvatur tagħhom. U Ġiljan bil-ħidma tiegħu ma' kulħadd, issa aktar minn qatt qabel, wera kemm jiswa u xi jfisser li tkun dixxiplu ta' Ġesù Kristu, imżejjen b'dak l-ispirtu ta' mħabba għall-proxxmu li tiegħu l-Imgħallem Divin ħallielna kemm-il eżempju sabiħ, kemm bil-kliem kif ukoll bil-fatti; eżempji li ġew imitati matul is-sekli kollha mill-Knisja Tiegħu, kif jidher ċar fl-istorja ekkleżjastika ta' ħafna istituzzjonijiet tal-karità, monumenti ħajjin glorjużi, u ammirabbli, kemm fil-kobor tal-kunċett tagħhom, kemm fit-tjubija tal-għan tagħhom, kif ukoll fil-ħidma ma taqta' xejn ta' kull wieħed u waħda minn dawn l-opri tal-ħniena.[1]

Ma' dan l-ispirtu Kattoliku mimli ħeġġa Ġiljan iżid fervur ġdid biex

jilqa' għal dawn il-bżonnijiet ġodda, u aktar ma kien jara l-miżerja tikber f'għajru, aktar kien iħoss tikber ġewwa fih l-imħabba. Imħeġġeġ b'qawwa liema bħalha minn din ir-reġina tal-virtujiet kollha, huwa kien dejjem għaddej b'ħidmietu, jiġri minn hawn għal hemm, minn trejqa għall-oħra, ifittex fid-djar tal-fqar, saħansitra fil-miżbliet jintnu seba' pesti, biex jindokra lill-marid, lill-batut, lil dawk imġarrba fir-ruħ[2], u lil dawn kollha kien idewwaqhom it-tjubija immensa tal-karità Nisranija. Issa jiġbor mit-triq xi tfajjel ħelu abbandunat, issa jikkonsla xi omm deżolata, issa jsabbar xi armla iddisprata, jew jixxotta d-dmugħ minn għajnejn l-orfni.

Ġieli kien jirrealizza li f'dan ix-xogħol kien waħdu waħdu.[3] Iżda taħsbu li kien jaqta' qalbu, jitlef il-kuraġġ jew l-enerġija? Le, qatt! Anzi kien iktar jitħeġġeġ; dawn it-tbatijiet u l-miżerji kbar ta' bnedmin bħalu li qed ibatu kien għalih inċentiv biex jistudja kull mezz possibbli ħalli jtaffi dawn it-tbatijiet u l-miżerji. Kien jiltaqa' ma' nies neqsin minn kollox, anke mill-iktar bżonnijiet bażiċi; neqsin mill-ħwejjeġ u mill-għamara fi djarhom; kostretti li jgħixu fi dwejriet għoddhom imġarrfa, esposti għal kull xorta ta' temp, u billejl l-għata tagħhom ma kinitx għajr xi liżar maħmuġ u mxarrab. Dan il-bniedem karitattiv kien iħoss għalihom u jibkihom: iżda l-bikja tiegħu ma kinitx sterili u ma kinitx biżżejjed biex ittaffilu l-weġgħa tiegħu; minflok kienet tixprunah biex iżid il-ħeġġa li kellu ġo fih biex jaħseb għall-bżonnijiet u l-miżerji ta' kulħadd.



*F'din il-pittura taħt l-isem* Saint Julien le Pauvre, *naraw lil San Ġiljan qiegħed iwieżen xwejjaħ biex joħroġ mid-dgħajsa wara li biha qasmu x-xmara.*

Iżda minħabba li hu ma kellux biex jgħin lil daqstant nies fil-bżonn, beda jmur iħabbat il-bibien tal-benestanti, fil-palazzi tas-sinjuri, u lilhom kien jitlob kull għajnuna u sokkors f'ġieħ l-imħabba ta' Alla u tal-umanità mġarrba.[4] Bis-saħħa t'hekk kien jirnexxilu jmiss il-qlub ta' xi wħud u jikseb il-koperazzjoni ta' oħrajn biex seta' jkompli jgħin mill-aħjar li jista' lil dawn il-ħafna fqajrin morda. Hadd minnhom, fil-fatt, ma rresista għall-kliem imħeġġeġ ta' Ġiljan. Ilkoll ingħaqdu miegħu f'kompetizzjoni sabiħa ta' min jagħti l-iżjed: u min għamel dan billi tah flus, min ipprefera jgħinu materjalment, u min saħansitra billi medd idejh għax-xogħol. Insomma kulħadd għenu kif seta', biex Ġiljan seta' jwettaq dan l-att kbir erojku. Tant hu hekk li f'qasir żmien irnexxielu jibni daqsxejn ta' sptar attrezzat bil-bżonnijiet kollha fiċ-ċirkostanzi ta' dawk iż-żminijiet. U issa Ġiljan b'aktar ħeġġa u kuraġġ kien imur jiġbor mid-dwejriet fqajra tagħhom il-morda, il-miżerabbli, ix-xjuħ bla saħħa, u lil dawn kollha ħadhom fl-isptar tiegħu fejn bis-saħħa tal-karità tiegħu sabu kenn, sostenn u kura. Huwa kien dejjem idur magħhom, jnewwlilhom kulma jonqoshom; għal kollox kien jaħseb! Kont tarah idur minn kamra għall-oħra, u fil-kurituri, jara, josserva, jistaqsi u jisma'; u issa jqassam l-ikel, issa

x-xorb, imbagħad il-mediċini, u jibdel il-faxex mimlija dmija. Jirranġa s-sodod, u l-imħaded tal-pazjenti; jixxuttalhom moħħhom mill-għaraq tad-deni. Lil kull wieħed u waħda mill-pazjenti kien jagħti l-attenzjoni kollha tiegħu.

Bilkemm kien ikollu cans jaħseb għall-bżonnijiet personali tiegħu[5]. Bilkemm kien jorqod. Kien għaddej fuq xogħlu lejl u nhar; preżenti mal-pazjenti f'kull ħin tal-ġurnata. Kien id-direttur, il-gwardjan, l-infermier, il-bidillu, il-konsolatur, is-saċerdot! U l-ordnijiet tiegħu, l-ammonimenti, u saħansitra xi tbeżbiża 'l hawn u 'l hemm lil min ma jismax minnu, kienu mismugħin u milqugħin minn kulħadd, għax kulħadd kien jaf li huma frott il-qalb karitattiva tiegħu.

Kiber qatigħ in-numru ta' pazjenti magħdura, żdiedu l-bżonnijiet tagħhom, żviluppaw diffikultajiet ġodda u anke kontradizzjonijiet, beda jonqos il-kuraġġ ta' min kien jgħinu; iżda l-virtù ta' Ġiljan ma ċeditx, ma għotritx, iżda baqgħet soda, u b'dan kienet tingħaraf minn t'oħrajn virtużi fl-apparenza biss, għaliex Ġiljan ma kienx qed jagħmel dan kollu għall-interessi personali tiegħu, jew għal xi ambizzjoni mondana, iżda kien qed jagħmel dan għall-imħabba ta' Alla, u għal dak li kien iħoss verament għall-proxxmu tiegħu, li s-serħan tiegħu kien isibu fil-qadi ta' dawn l-imsejknin.[6]

Fost il-ħafna ħidmiet li kien iwettaq fost il-multitudni ta' morda u mġarrba, wieħed ma jistax ma jsemmix il-ħasil tar-riġlejn, il-ħasil tal-ħwejjeġ u l-ipettinar tax-xagħar. M'għandniex xi ngħidu dawn ma kinux ikunu neqsin minn kull xorta ta' ħmieġ u insetti moqżieża. Iżda dan ma kienx iwaqqfu milli jkompli b'ħidmietu. Sintendi kien iħossu jitqażżeż jara dat-tindis, flimkien mal-ponot u ġrieħi kollhom materja; iżda hu kien jaħseb kemm hu aktar skomdu u ta' dwejjaq li jkollok dawk l-affarijiet fuq ġismek stess.[7] Għaldaqstant dara jaddatta ruħu għal kollox tant li l-istess pazjenti kienu jiskantaw jarawh għaddej b'ħidmiet qisu xejn mhu xejn, filwaqt li oħrajn kienu jammirawh filwaqt li ma jifhmux kif kien kapaċi jirreżisti għal dan kollu; għal tant xogħol, għal kull forma ta' diffikulta, u għal daqstant tul ta' ħin; dejjem imdawwar b'dik il-miżerja kbira; okkupat kif kien b'kull tip ta' xogħol li umanament huwa umiljanti, intollerabbli, nawżjanti u li diffiċli tissaportih.

Ma niskantax jekk xi wħud mill-qarrejja tiegħi jaħsbu li jien xi wieħed li noħlom bil-ftajjar jew li nħobb nesaġera, speċjalment meta jaqraw din il-parti tar-rakkont. Iżda min jiġġudikani b'dan il-mod ikun qed ipoġġi lilu nnifsu ma' dawk li filwaqt li jħossuhom spiritwalment eżaltati u mimlija sens ta' filantropija, lanqas biss għandhom ħin iħarsu, wisq inqas jikkunsidraw il-miżerja u n-niket li viżibilment jispikka f'dawn ħuthom. Għandhom ikunu jafu, dawn il-filantropi tal-isem, "li biss permezz tar-reliġjon il-bniedem iħoss id-dmir ta' karità sinċiera." Hekk kitbet dik ir-ruħ tajba ta' Silvio Pellico.[8] Din il-filantropija, din il-karità, xprunata u mhux maqtugħa mir-reliġjon, hija dik li jitkellem minnha San Pawl, "hi tirbaħ kollox, takkomoda lil kulħadd, tissaporti kollox, u ma tonqos qatt."[9] Dawn huma ż-żewġ għejun mnejn kiseb il-qawwa u l-enerġija tiegħu Ġiljan tagħna, biex seta' jwettaq dawk l-opri meraviljużi u tal-għaġeb, li għal ħaddieħor dehru impossibbli: ir-reliġjon u l-karità!

Huwa ma ħasibx għalih innifsu, ma ħasibx għall-bżonnijiet strinġenti ta' ġismu, għall-

għejja ta' riġlejh u dirgħajh pereżempju, anzi b'sens perfett ta' ċaħda tiegħu nnifsu, huwa ppersevera bla heda u b'mod kostanti fil-karriera diffiċli iżda qaddisa li huwa għażel, għax ir-reliġjon u l-karità tawh is-saħħa bil-ħsieb ħelu li dak kollu li kien qed jagħmel kien qed jagħmlu b'sagrifiċċju għall-imħabba ta' Sidna Ġesù Kristu u għall-ġid tal-proxxmu tiegħu. U meta għal dak li kien qed jagħmel ġieli kien imħallas b'ingratitudni, b'tgħajjir u bi qlajjiet, kien dejjem jaħseb f'Ġesù fuq is-salib, u ma' dawn kien jirreagixxi b'paċenzja, manswetudni u perseveranza. Din hija l-filosofija tal-qaddisin li l-Knisja Kattolika tqim fuq l-altari tagħha. Jalla aħna lkoll inkunu kapaċi nifhmuha u nimitawha.[10]

## KAPITLU XIV

B'din il-filosofija sublimi,[11] miġjuba mill-iskola tal-Imgħallem il-Kbir, Ġiljan issokkta bil-ħidma qaddisa u kbira tiegħu mal-pellegrini, mal-morda u mal-imwarrba. B'sagrifiċċju kbir tiegħu nnifsu huwa dejjem żamm ruħu dispost biex jissaporti l-aktar ħidmiet diffiċli, biex jirbaħ l-iktar ostakli ingombranti, biex ixerred l-għaraq ta' ġbinu u saħansitra demmu, fejn kien hemm il-bżonn, ġaladarba dan kien ta' ġid għal wieħed minn dawn ħutu. Mhux li ma kienx iħoss il-morr u l-qares ta' din il-ħajja ta' sagrifiċċju kontinwu, iżda fl-istess ħin huwa kien iħoss il-qawwa ħelwa tal-imħabba, li minnha kien jislet konsolazzjoni pura, bil-ħsieb li b'din il-penitenza huwa kien qed jagħti sodisfazzjon lill-Imgħallem Divin.

Oh l-Imħabba! L-imħabba li ssaħħan is-sider u li timlieh b'tant ħeġġa quddiem il-miżerja ta' bżonnijiet ħaddieħor; imħabba immensa li tħaddan il-bniedem sħiħ, u li lilu taħsel biż-żelu jaħraq tagħha; imħabba sopranaturali, li ma tfittixx il-ġid temporanju tad-dinja iżda dak tal-eternità! Għaldaqstant Ġiljanu tagħna ma kienx jara, f'dawn l-aħwa, l-aspett materjali u t-tbatija fiżika biss, iżda kien jikkunsidra wkoll l-aspett spiritwali u morali tagħhom: l-opri ta' karità tiegħu ma kinux limitati biss għall-kura tal-ġisem marid, iżda bħala dixxiplu veru ta' Kristu, kienu jindirizzaw ukoll il-kura u s-saħħa tar-ruħ.[12] Kull meta kien ilesti mill-kura medika fuq xi marid partikulari, huwa kien jara kif jagħmel ħbieb miegħu, jitħaddet b'kunfidenza familjari, u bi kliem meqjus ta' mħabba u ta' devozzjoni pija, kien ifakkru fl-importanza tal-kura tar-ruħ, fid-dmir tagħna li nżommu din ir-ruħ ħielsa mit-tbajja', u allura fil-bżonn li wieħed jirrikorri għat-tabib tas-sema, u għall-għajnuna effikaċi tas-sagramenti.



*Dettall mill-*Incoronazione della Vergine*, Bicci di Lorenzo (1430), Basilica Santa Trinita, Firenze. San Ġiljan jidher wieqaf fuq ix-xellug.*

B'dan il-mod huwa kien imiss il-qlub, u kien inissel fihom ir-rieda li jduru mill-ġdid lejn Alla, sabiex jerġgħu jakkwistaw

u jikbru fil-grazzja divina, u biex jimlew mill-ġdid il-kuxjenza tagħhom b'dik il-paċi li m'hawnx prezzha u b'dak is-serħan tar-ruħ, li huwa l-akbar teżor li bniedem jista' jsib fuq din l-art, teżor li jservi wkoll ta' kapparra ħelwa għall-paċi perfetta u li ma tintemm qatt, li hemm tistenniena fis-sema. Għalhekk meta fl-isptar ta' Ġiljan kien jersaq xi midneb magħruf, huwa ma kienx iħares lejh bl-ikrah u jkeċċih, iżda f'dan l-ispirtu li qed nitkellmu dwaru, huwa kien jilqgħu b'affezzjoni, jfissdu b'mod speċjali u bl-aktar mod kawt u edukat kien iwiddbu mill-periklu li kien fih, li jitlef ruħu għal dejjem fl-eternità filwaqt li kien mogħmi bil-ħwejjeġ tad-dinja! U anke meta xi midneb minn dawn kien iwebbes rasu u ma jismax, Ġiljan xorta ma kienx jaqta' qalbu, iżda kien jibki, jitlob b'ħeġġa liema bħalha, u mill-ispirazzjoni li kien itih l-istess talb kien jikseb il-fiduċja biex jerġa' jtenni dawk il-pariri qaddisa u jerġa' jħeġġeġ mill-ġdid bl-eqdes devozzjoni sakemm kien jikseb il-frott mixtieq minn dik il-missjoni. Ma kienx hemm midneb, fil-fatt, li fl-aħħar mill-aħħar, ma kienx iċedi għall-kliem ħelu u qaddis ta' dan l-appostlu ta' Kristu; kollha kienu jaċċettaw dak li kien jgħidilhom, u jqiegħdu fil-prattika kull parir li kien jagħtihom, u bi dmugħ ħelu ta' indiema u b'ferħ li qatt ma ħassew bħalu qabel, kienu jirringrazzjawh, u lkoll kienu jsejħulu bl-isem ħelu ta' missier, għax lil ruħhom huwa kien reġa' ta l-ħajja.

O kemm hi vera s-sentenza li tgħid: nippreferi l-Imħabba. Minn din l-imħabba dan il-qaddis kiseb il-qawwa biex iħoss it-toqol u d-diffikultà tal-ministeru tqil u twil tiegħu. Minn din l-imħabba nibet ġewwa fih sens kbir ta' serħan miksub permezz ta' ħidmietu fost l-aktar bnedmin miżerabbli. Iżda l-akbar kisbiet tiegħu għamilhom fuq l-erwieħ li huwa rnexxielu jikkonverti u jqarribhom mill-ġdid lejn Ġesù Kristu.[13]

**KAPITLU XV**

Kienet proprju din l-imħabba li ħeġġitu bix-xewqa taħraq nar li jkun, kemm jista' jkun, kullimkien, f'kull ħin, binhar u billejl, sabiex ikun ċert li ħadd ma jibqa' mċaħħad mill-karità tiegħu. Għaldaqstant huwa ma kienx jillimita l-karità ineżawribbli tiegħu bejn il-ħitan tal-isptar tiegħu biss. Iżda kien fl-istess ħin ukoll ilaħħaq mal-bżonnijiet tal-pellegrini li riedu jaqsmu x-xmara li kien hemm fil-viċinanzi, u ma' dawn kien jaqsam daqstant ospitalità ġeneruża! B'dan, ħajtu saret ġirja waħda bejn l-isptar u x-xmara, dejjem għaddej minn ħaġa għall-oħra: issa jitrasporta l-passiġġieri, u saħansitra ġieli għamel dan fuq spallejh stess; jew inkella jitratta ma' dawk fil-bżonn, jikkonsla lill-imġarrba, jikkura lill-morda; fi kliem ieħor jara li kull wieħed u waħda minnhom ma jkun jonqsu xejn.

Hekk kienet il-ħajja tipika ta' dan il-bniedem kbir u ħaddiem ammirabbli; ħajja ta' karità, ta' sagrifiċċju u penitenza virtuża; ħajja li huwa rnexxielu jibqa' jgħix b'mod kostanti bla ma jċedi lanqas għal minuta waħda biss għal tul ta' snin; dejjem għaddej, lejl u nhar, b'ruħu u b'ġismu, bil-għan li jogħġob lill-Missier Etern, li lilu huwa ried jingħata għal kollox, kemm fil-ferħ u kemm fin-niket.

Huwa kien jara f'kull fqajjar u f'kull marid lill-istess persuna ta' Ġesù, u għaldaqstant kien jitratta lil kulħadd l-istess; kien imparzjali fil-konfront ta' kulħadd.[14] Għalih kulħadd kien ħuh jew oħtu, ulied l-istess Missier li qiegħed fis-smewwiet, salvati bl-istess demm Ibnu l-għażiż, u msejħa għall-istess tmiem dejjiemi. Fid-dawl ta' dan ma kinux il-passjonijiet umani, jew il-fsied tal-ġisem materjali, iżda l-bżonnijiet veri ta' kull wieħed u waħda

minnhom, il-miżerji u l-pjagi tal-ġisem u tar-ruħ li kienu jħeġġu fih dan is-sens kbir ta' karità, u bħan-nar din l-imħabba kienet tqabbad fih u kull darba terġa' ġġedded din il-ħeġġa bla tarf li kellu. U kemm għejja, kemm diffikultajiet, kemm għaraq u sofferenzi kkaġunatlu din l-imħabba ardentissima li huwa ppersevera fiha erojkament!

Lejla minnhom fost l-oħrajn, fix-xahar inġazzat ta' Jannar, jisma' vuċi ta' xi ħadd jingħi, jitlob l-għajnuna, jitlob sokkors. Dak il-ħin, għajjien mejjet kif kien, Ġiljan kien qiegħed mimdud fuq daqsxejn ta' mitraħ. Waqqaf widnejh, u jerġa' jisma' l-għajta ta' dik il-persuna li kienet fil-bżonn. Qam immedjatament minn fuq il-mitraħ aħrax li kien fuqu, u ġera ġirja waħda lejn ix-xatt. Anzi tar fuq il-ġwienaħ tal-imħabba biex jasal hemm malajr. Kif wasal ix-xatt, intebaħ li s-sejħa għall-għajjut kienet ġejja min-naħa l-oħra tax-xmara. Ix-xmara kienet mimlija u l-kurrent kien wieħed tal-biża'. X'jagħmel? Dgħajsa ma kellux![15] Eh din l-imħabba hija omnipotenti u ma tarax ostakli, u lanqas impedimenti; u magħha l-fidi kienet soda u ħajja u xejn ma seta' jbeżżagħha. Hekk naraw lil Ġiljan tagħna, li kien jaf iħobb kif iħobbu biss il-qaddisin, refa' għajnejh lejn is-sema u talab, imbagħad qabeż għal ġox-xmara, u qasam bis-saħħa kollha tiegħu biex jegħleb il-kurrent li ried jieħdu miegħu. Wasal in-naħa l-oħra u jsib ġuvnott marid bil-lebbra, inġazzat bil-ksieħ ta' dik il-lejla, kważi mitluf għalkollox minn sensih. Deher li kien wasal fl-aħħar.

Refgħu bil-mod u żammu fuq dirgħajh it-tnejn u b'fidi qawwija iktar minn qabel reġa' niżel fix-xmara biex jaqsam għan-naħa l-oħra, issa b'tagħbija fuq dirgħajh. Imma wasal. Baqa' sejjer b'dak il-piż ħelu lejn l-isptar tiegħu. Neżżgħu u libbsu xi ħwejjeġ minn tiegħu. Ried jara kif se jsaħħnu ħa jiġi f'tiegħu. Niżżlu fuq saqqu, irranġah u għattieh u qatt jgħasses miegħu u għamel miegħu dak kollu li qalb Nisranija kienet kapaċi tagħmel miegħu.

Iżda f'daqqa waħda[16], b'mod mill-aktar sorprendenti, rah jiċċaqlaq, jiġi f'tiegħu, iqum minn soddtu, dak il-ġuvni li sa ftit ilu kien qed imut; qam iżda ma baqax aktar dak il-ġuvni marid u lebbruż nofsu mejjet; issa kien ġuvni jbigh is-saħħa, robust, mibni, il-ġmiel tiegħu ġmiel ta' anġlu tas-sema, u minnu ħarġet dija li tgħammex, dija li waqgħet fuq wiċċ Ġiljan, imgħaġġeb kif kien b'dak li kien qed jara.

"Qaddej tiegħi fidil," qallu l-ġuvnott, "ġejt biex insabbrek, jien l-istess Ġesù[17] li inti tant tħobb! Jien ġejt għandek għax inti għadek kif issiġġillajt, b'dan l-aħħar att tiegħek, il-virtù tal-karità fraterna. Issa nista' ngħidlek li minħabba f'din il-virtù tiegħek u anke għall-merti tal-ospitalità tiegħek li għal tant snin gawdew minnha dawk kollha li ltqajt magħhom fit-tbatijiet tagħhom, u mhux anqas għall-merti ta' dawk l-opri tal-ħniena li int wettaqt kontinwament b'ċaħda totali għalik innifsek u f'sens ta' penitenza, inħafirlek id-dnub tiegħek ta' parriċida, li issa m'għadux aktar, għax inħafer mad-dnubiet l-oħra kollha tiegħek, u ta' martek li baqgħet miegħek sal-aħħar, anke fiż-żmien ta' penitenza. Ifraħ O Ġiljan għax il-ġustizzja ta' Missieri fis-Sema issa hija kompluta, u dalwaqt it-tnejn li intom se titilgħu biex tirċievu l-ħniena kbira fir-renju tal-ħajjin imbierka."

Kif temm dan id-diskors, il-ġuvni għab, filwaqt li d-dawl li kien ħiereġ minnu infirex ma' kull rokna tal-isptar, tant li kulħadd kien beda jgħajjat, "Hruq, ħruq... qed jaqbad kull m'hawn!" billi ħasbu li dak id-dawl kien ġej minn fjammi naturali.

**KAPITLU XVI**

Dawk ir-raġġi jleqqu daqs il-kristall komplew idawlu r-ras ta' Ġiljan u bix-xieraq. Ma deherx aktar bniedem ta' did-dinja, iżda tad-dinja ċelesti, mhux aktar pellegrin mortali, iżda beatu immortali.[18] Dan kien bla dubju sinjal u prova evidenti tal-Imħabba Divina, li kibret ġewwa fih u li sseddqet għal elf darba biż-żjara ta' grazzja li kellu mingħand l-istess Ġesù, liema mħabba issa tant kienet kbira li saħansitra bdiet ħierġa minnu f'dan id-dawl meraviljuż. U issa min seta' qatt jifhem il-ħeġġa ta' dik ir-ruħ tant maħbuba? Min seta' jħoss il-ħlewwa u l-ferħ li kienet qed iġġarrab dak il-ħin? Jien li qed nikteb żgur li le. Dawn huma grazzji singularissimi li Alla l-Imbierek jaqsam biss mal-qaddejja tiegħu wara li huwa jkun għażilhom bħala ministri tal-ħniena tiegħu, ipprovati minn ħafna diffikultajiet, misjuba dejjem fidili, sodi u kostanti fl-imħabba tagħhom lejh, fil-ħidma tagħhom f'ġieħu, u fis-sagrifiċċji li jagħmlu għalih.



**San Ġiljan Ospitalier u martu jaqdfu tul xmara,** ***minjatura minn*** **Tarleton Hours,** ***bil-Latin u bil-Franċiż, fuq ġilda tal-annimali (Rouen, c.1430).***

Ġiljan, issa mimli bil-preżenza ta' Alla aktar minn qatt qabel, anke jekk kien ċert mill-maħfra li kien kiseb għal kull dnub minn tiegħu permezz ta' dik ir-rivelazzjoni divina, ma emminx li b'daqshekk il-ħidma tiegħu setgħet tieqaf hemm.[19] Minflok irdoppja l-impenn tiegħu u l-ħeġġa li kellu għall-penitenza, kibret fih ix-xewqa għall-sagrifiċċji ferm akbar u aktar diffiċli, u ma ħalla xejn x'jissodisfa lil ġismu, mank gidma ħobż jew tazza żgħira nbid jew xorb ieħor, iżda ried li kulma kellu jkompli jaqsmu ma' min l-aktar kellu bżonnu. Żid fis-sawm, żid fis-sagrifiċċji, f'ħajja li kienet diġà waħda mortifikanti u penitenti. Tenaċi kien it-talb tiegħu lil Alla l-Imbierek u lill-Verġni Marija. Kien jidħol f'meditazzjoni profonda dwar il-misteri divini; u meta jsib il-ħin kien sar jogħxa jaqra mill-Kotba Mqaddsa. L-ikel u l-forza tiegħu saru l-ħobż Ewkaristiku. Insomma l-ħajja privata ta' Ġiljan saret ħajja anġelika moħbija f'Alla l-Imbierek, li sar jimla l-ħsibijiet kollha ta' ħajtu, li sar l-uniku għan li għalih kien qed jgħix, iċ-ċentru uniku 'l fejn kienu qed jippuntaw ix-xewqat kollha tiegħu: u dan għaliex huwa kien tant iħobb lil Alla tiegħu b'qalbu kollha, b'moħħu kollu u bis-setgħat kollha tiegħu. Iżda l-imħabba mhijiex xi ħaġa passiva iżda hija proattiva u diffusiva, u dan urieh biċ-ċar Ġiljan, li minbarra f'din il-ħajja interjuri li qed nitkellmu minnha hawnhekk, kien ukoll ikaxkar lil ħaddieħor bl-eżempju tiegħu, billi jħallihom mgħaġbin bl-opri dejjem jikbru tal-karità u tal-ħniena. U anke jekk mill-Ġenna kien diġà assigurat il-predestinazzjoni tiegħu għall-Glorja, huwa ma waqafx, għeżież qarrejja, lanqas għall-mument wieħed biss mill-ħidma tiegħu biex iserraħ il-proxxmu. Anzi huwa kompla b'ħeġġa kbira, kemm iġorr il-pellegrini min-naħa għall-oħra tax-xmara, kif ukoll jilqa' għandu u jdewwi lill-morda u lill-fqar.

Għaldaqstant naraw f'dan il-bniedem kbir, kollu kemm hu mogħti lil Alla u lill-proxxmu, sinjali konkreti u qatt dubjużi ta' fidi indiskussa, ta' mħabba ferventi, ta' qawwa erojka, ta' penitenza verament straordinarja; f'kelma waħda, naraw fih ġabra tal-virtujiet Insara; u b'mod partikulari naraw kif spikkat fih l-Ospitalità, li għaliha huwa baqa' magħruf bħala "l-Lukandier it-Twajjeb" jew "L-Ospitalier Ġeneruż."[20]

**KAPITLU XVII**

Filwaqt li kompliet tikber u tinfirex il-fama tal-virtujiet eminenti tiegħu, kibru magħha l-okkażjonijiet propizji li jkompli jesprimi dawn l-istess virtujiet f'atti ta' karità akbar u aktar mifruxa mal-inħawi fejn kien qed jopera, u saħansitra lil hinn minnhom, f'pajjiżi mbiegħda, fi bliet u f'kastelli kbar; u minn dawn il-postijiet kienu jiġu jfittxuh f'folol kbar persuni ta' kull stat ta' ħajja u ta' kull kwalità; fqar u sinjuri, morda u mhumiex, nobbli u ordinarji, twajbin u mhumiex: kollha jistaqsuh pariri u direzzjonijiet, għat-talb tiegħu għal xi tiġrib li kienu għaddejjin minnu, għall-protezzjoni tiegħu minn xi saram, u għal tant u tant bżonnijiet oħra; iżda fuq kollox kienu jiġu biex jammiraw il-qdusija tiegħu u jisimgħu l-kelma tiegħu.



*Immaġini li turi x-xena ta' San Ġiljan fuq id-dgħajsa tal-pellegrini.*

U Ġiljan x'kien jagħmel? Huwa kien juri dispożizzjoni għal kull wieħed u waħda minnhom, bla ebda distinzjoni: issa jtaffi l-ġuħ u l-għatx ta' xi wħud, issa jlibbes lill-imċerċra u l-għarwenin, inkella jilqa' fl-isptar tiegħu pellegrini u fqar li jkunu mardu mat-triq, jew jassisti, jikkura u jfejjaq lill-morda, u sintendi ma kienx jieqaf jagħti l-pariri lil min kellu xi dubbji fil-fidi – u dawn kienu jiksbu mingħandu sabar ħelu u libertà qaddisa li kienet teħlishom mill-ktajjen tal-ħażen tad-dinja li kienu qed ixekkluhom. Kien jgħallem lil min ma jafx u jimlihom bl-għarfien veru; jiftaħ għajnejn il-midinbin mogħmija wara t-tlellix tad-dinja materjali u ma kienx jistrieħ qabel jarahom lura fit-triq li twassalhom għall-paċi fil-qalb. U b'dan kollu Ġiljan kien kuntent, ferħan se jtir, grat lejn Alla li tah din l-opportunità li jgħix l-imħabba tiegħu fil-veru sens tal-kelma; u kien jissaporti dejjem aktar u aktar l-għejja ta' ħidmietu u anke l-kuntrarji; kien jitlob għal kulħadd, u kulħadd kien jitlaq mingħandu aħjar milli ġie u mimli b'għaġeb qaddis.

Kulħadd kien jitkellem b'entużjażmu dwar dan il-bniedem singulari. Kienu jistqarru l-esperjenzi ta' ħlewwa li ġarrbu lkoll fl-ispirtu meta raw lil dan il-bniedem ta' Alla. Ir-rakkonti kienu jgħaddu minn fomm għall-ieħor, u ma kienet tieqaf qatt l-għajta tal-poplu dwar il-kobor u l-qdusija ta' dan il-bniedem. "O dan il-lukandier twajjeb! O dan l-Ospitalier ġeneruż! O kemm hu qaddis dan Ġiljan!" Hekk minn fomm għall-ieħor, mill-missier għall-

iben, minn ġenerazzjoni għall-oħra,[21] għaddew il-virtujiet u l-ħidmiet ta' dan l-eroj kbir tagħna u waslet għandna din il-memorja qaddisa tiegħu.

**KAPITLU XVIII**

Iżda ż-żmien itir, u l-ġranet igerrbu, u Ġiljan tagħna, f'moħħu dejjem il-kliem li kien wassallu Ġesù Kristu nnifsu, kien jistenna trankwillament l-aħħar siegħa ta' dan il-pellegrinaġġ tiegħu fuq din l-art. Sadanittant b'passi mgħaġġla kompla jimxi u jersaq lejn il-quċċata tal-perfezzjoni u tal-qdusija.

Hass li l-mument kien wasal, u dan kien jitkellem dwaru daqslikieku kien xi ħaġa tant mixtieqa. Iżda ta' madwaru bkew, filwaqt li hu kien isabbarhom u jirrallegrahom. Qatt ma kienu raw bniedem daqshekk kuntent li t-tmiem tiegħu kien wasal tant fil-qrib. Sakemm kien baqagħlu ftit saħħa baqa' jmexxi l-isptar tiegħu, baqa' jżur lill-morda, baqa' jħeġġeġ fihom il-paċenzja, u jfakkarhom kliem l-Appostlu, li l-pieni u s-sofferenzi ta' żmienna f'din id-dinja mhuma xejn ħdejn il-glorja li għad tidher fina fl-eternità. Baqa' jħeġġeġ lil kulħadd għall-imħabba ta' Alla li tiġi fuq kollox u fuq kulħadd u lilhom kien jgħallem il-mod kif wieħed seta' jeħles mill-ħażen u jagħmel it-tajjeb: "Kieku kulħadd iħobb lil Alla bi dmir, ma kienx ikun hawn dnubiet fid-dinja; u kien ikun impossibbli li xi ħadd joffendi volontarjament jew iweġġa' l-qlub. Karità, nirrepeti, karità, ħuti, dan hu li ngħidilkom, ħobbu lil Alla, ħobbu lill-proxxmu: hekk tgħidilna l-Iskrittura Mqaddsa, hekk tgħidilna l-Liġi, hekk jgħidulna l-profeti."

B'dawn it-twissijiet ħelwin huwa jipprepara ruħu biex iħalli lil dawk fdati f'idejh, bit-tama li għad xi darba jerġa' jgħannaqhom miegħu fis-saltna tas-smewwiet fi ħdan l-eternità, il-ferħ immutabbli, mnejn kien qed jisma' jsejjaħlu l-Mulej kollu ħniena, li ormaj kien iddeċieda li ż-żmien kien wasal biex Ġiljan jikseb il-mistrieħ ta' dejjem. Iva, Ġiljan sema' dak il-leħen nieżel mill-għoli biex jinfed lil qalbu, jisimgħu u jwiegbu: "O Mulej Adoranti, hawn jien qed nisma' s-sejħa tiegħek: ħa jsir minni skont ir-rieda tiegħek: jien noqgħod jew niġi skont ma tgħidli int." Rassenjat għall-aħħar, mingħajr ma lissen l-ebda karba jew tnehida fil-mard li kien ħakmu, anzi pjuttost kien qed juri li kien kuntent li t-tmiem kien fil-qrib, huwa ġarrab l-aħħar mumenti tat-tbatija tiegħu filwaqt li ħassu kuntent li seta' jagħti lil Alla tiegħu provi ta' mħabba mimlija paċenzja u rassenjazzjoni sal-aħħar minuta tal-karriera mortali tiegħu.

Ma fittixx ir-rimedji mediċi li Alla nnifsu kien ippermetta li jkunu vvintati biex itaffu dawn il-mumenti diffiċli, iżda minflok ikkonċentra fuq il-bżonnijiet ta' ruħu. Hejja ruħu biex jitlaq lid-dinja li huwa kien tgħallem ma jorbotx qalbu magħha sabiex ikun jista' jittajjar lejn is-sema u jidħol fit-tgawdija ta' dejjem mal-Mulej. Talab li jkunu amministrati lilu s-sagramenti prezzjożissimi, li bihom kien arrikkixxa l-Knisja Tiegħu l-istess Ġesù Kristu li waqqafha. Biex jagħti l-eżempju lil ta' madwaru u filwaqt li ħeġġiġhom jitolbu għalih, huwa ried jirċievi l-ħobż tas-sema pubblikament, u kiel minnu b'sens qawwi ta' fidi, pietà, u mħabba, u b'dan ħalla ruħu interament f'idejn Sidna Ġesù Kristu. Dawwar għajnejh lejn Dak li ssallab għalina u ftit wara għalaqhom għad-dinja biex jerġa' jiftaħhom għall-viżjoni beatifika tas-Sema, 'il fejn ruħu telgħet mimlija frott il-meriti li ġabar tul tant snin ta' penitenza u ta' opri tal-ħniena.

Nammiraw ħuti qarrejja Nsara, il-ħajja ta' dan il-qaddis; nigglorifikaw l-id potenti ta' Alla u l-grazzja sovrana tiegħu li dderiġew u waslu lil dan il-qaddej lejn il-perfezzjoni sħiħa u l-vera glorja. Ħalli ma tibqax sterili din l-ammirazzjoni tagħna: nistudjaw bir-reqqa kif nistgħu nimitawh, u naraw kif nagħmlu biex nimpenjaw ruħna biex inkattru fina dawn l-istess virtù. Ejja nġorru s-salib ta' Kristu Ġesù b'dik il-paċenzja u b'dik il-kostanza li bihom ġarru San Ġiljan sabiex ikun jixirqilna ningħaqdu miegħu fir-renju etern tas-Smewwiet.[22]

## GĦELUQ

Fl-aħħar tad-dokument hemm dawn iż-żewġ noti.



*Dettall mill-kwadru ta' fuq l-artal il-maġġur, Basilica Santa Trinita, Firenze. San Ġiljan jidher fuq il-lemin.*

(1) Il-Festa ta' San Ġiljan, bħala titular, hi ċċelebrata f'din il-Knisja ta' Santa Maria a Ripa (jew Empoli Vecchio) fil-31 ta' Awwissu. Il-festa tal-qaddis tagħna hija ffesteġġjata wkoll f'għadd ta' bliet u lokalitajiet varji madwar il-peniżola sabiħa u kattolika tal-Italja, u b'mod partikulari u mill-aktar solenni fil-belt ta' Macerata, li wkoll jagħmluha fil-31 ta' Awwissu, iżda fil-Katidral t'hemmhekk wara l-Ottava tal-Epifanija ssir ukoll it-tifkira tas-sejba tar-Relikwi Sagri tal-Qaddis.

F'Ruma fuq il-portiku tal-Knisja Nazzjonali tal-Fjammingi hemm statwa ta' San Ġiljan li qed iżomm seqer f'idu bħala sinjal tal-kaċċa li tagħha bħala ġuvni kien dilettant.

F'Castiglion Fiorentino, art pjuttost magħrufa li tinsab bejn Cortona u Arezzo, hemm il-Kolleġġjata ddedikata lil San Ġiljan, imwaqqfa lejn tmiem is-seklu XIV. Fil-kappella tal-altar maġġur jeżisti kwadru ta' Don Bartolomeo della Gatta, patri Kamaldoniż, li fih jidhru l-Madonna ma' San Ġiljan u San Mikelanġlu, kif jgħidilna Vasari, it-tliet figuri huma mpittra tajjeb, iżda tispikka dik ta' San Ġiljan sogħbien u ħosbien b'għajnejh fissi fuq il-kurċifiss.

Anke f'Firenze fil-Galleria del Palazzo Pitti għandek issib kwadru ieħor sabiħ, tal-magħruf pittur Allori, li juri lil San Ġiljan qed iġorr il-pellegrini.

(2) Wara l-1483 il-parroċċa ta' Santa Maria a Ripo f'Empoli kienet f'idejn is-saċerdoti sekulari u kienet patrunata mill-familja nobbli Adeniari di Firenze, u meta dawn waqqfu l-kunvent kien kappillan Mons. Francesco di Buto di Bianco. Hu ċert li l-kunvent twaqqaf fl-1483 fi żmien Sistu IV u fih kienu stabiliti l-Patrijiet Minuri Osservanti (dawk li llum nafuhom bħala l-Minuri, kif hemm f'Ta' Ġieżu); iżda l-isem u d-data tal-pussess tal-kappillan mhumiex konfermati, iżda jidher li sal-1500 kien hemm reliġjuż li jżomm din il-kariga. La għandna ismu u l-anqas tas-

suċċessuri tiegħu sal-1590. Minn din id-data sal-1846 kien hemm 26 parrokat. L-aħħar wieħed kien ta' Patri Martino Mannelli minn Pistoia li qed jikteb din l-istorja ta' San Ġiljan.

## Referenzi

[1] L-awtur jidħol ħafna fil-fond fuq l-esperjenza penitenzjali ta' San Ġiljan u matul ir-rakkont tiegħu jurina li Ġiljan jinsa l-għan ewlieni li għalih daħal għal dan ix-xogħol skabruż u diffiċli u jibda jgħixu fil-veru sens tal-kelma bħala Nisrani u jsir għan fih innifsu. Ġiljan ma jibqax jaħdem mal-fqir u l-batut u l-marid biex jeħles minn dnubu iżda għax verament jiskopri l-imħabba kbira t'Alla li min jaf kemm kienet għallmitu dwarha ommu l-għażiża. Qed insemmi dan il-punt hawnhekk biex il-qarrej iżomm għajnejh miftuħa għal dan l-aspett importanti fil-ħajja ta' San Ġiljan.

[2] Aspett importanti ieħor li qajla rajnieh f'rakkonti oħra tal-ħajja ta' San Ġiljan. Il-morda u l-imġarrbin mhux jistenniehom jiġu għandu Ġiljan, iżda jfittixhom hu. Hija ħajja ta' Nisrani li hu prokreattiv u mhux passiv. Li ma tagħmilx ħażin mhux biżżejjed għan-Nisrani, imma jeħtieġlu jagħmel it-tajjeb hu, u jagħmlu mhux b'kumbinazzjoni iżda b'intenzjoni.

[3] Kurjuż il-fatt li martu ma tissemmiex. Iżda lejn l-aħħar tar-rakkont meta tissemma d-dehra li Ġiljan kellu biex jitħabbarlu minn Ġesù Kristu nnifsu li dnubu kien maħfur, tissemma martu wkoll li miegħu tirbaħ din il-maħfra u lilha wkoll hija mwiegħda l-ħajja ta' dejjem.

[4] Hawnhekk għandna lil San Ġiljan mhux biss jagħmel il-karità direttament hu, iżda jiġbor għall-karità mingħand ħaddieħor. Għandna l-impenn tiegħu lil jġib lil min hu stabene konxju li hemm ħaddieħor li mhuwiex. U skont ir-rakkont jidher li rnexxa ħafna f'din il-ħaġa.

[5] Punt essenzjali ieħor fil-ħajja tan-Nisrani veru, li wieħed jinsa għalkollox lilu nnifsu u l-bżonnijiet tiegħu u jingħata għal ħaddieħor. San Ġiljan jgħallimna nħobbu lil Ġesù fil-proxxmu bl-iktar mod ċar u tond.

[6] Hawnhekk għandna l-ewwel indikazzjoni għal dak li għidna f'nota nru. 1.

[7] L-awtur irid jurina li San Ġiljan kien bniedem bħalna u allura kellu affarijiet li kienu jdejquh u jitqażżiżhom, kif għandna aħna. Madanakollu dan ma kienx iżommu milli jkompli jwettaq ix-xogħol antipatku u moqżież ta' tindif ta' ħmieġ, ta' feriti u l-kumplament. Tabilħaqq riflessjoni li kull min idur mal-morda għandu jagħmel: kemm hu agħar li jkollok dawk il-feriti u l-ġrieħi fuqek milli jkollok biss tnaddafhom u/jew tikkurahom.

[8] Silvio Pellico (1789-1854) kien kittieb, poeta, drammaturgu u patrijott attiv fl-Unifikazzjoni tal-Italja.

[9] San Pawl kiteb qatigħ dwar l-imħabba vera. Ara l-Ewwel Ittra lill-Korintin, pereżempju.

[10] Hawn għandna r-raġuni mfissra bi kliem eżatt, għala kienu jinkitbu dat-tip ta' rakkonti ta' ħajjet il-qaddisin: mhux għall-eżattezzi u dettalji storiċi iżda għall-eżempju tajjeb, għall-valuri Nsara u xejn iżjed.

[11] Naħseb li s'issa ma ltqajniex ma' rakkont ieħor tal-ħajja ta' San Ġiljan li jtul daqshekk u japprofondixxi daqshekk fuq dan l-aspett verament sabiħ tal-ħajja ta' San Ġiljan, veru ospitalier, veru Nisrani: bniedem li jinsa lilu nnifsu għalkollox u għal kulħadd u jgħix l-imħabba t'Alla fil-veru sens tal-kelma. Tindunaw li waqt li qed taqraw dan ir-rakkont insejtu għalkollox il-parriċidju li wettaq Ġiljan aktar kmieni (skużani fakkartulkom jien), imma ridt inġibkom konxji tal-fatt kif l-awtur iridna naslu għall-maħfra ta' Ġiljan b'mod naturali biex insejħulu hekk, bla tqanziħ u bla sforzi. Kif tista' ma taħfirlux bniedem ta' din il-kwalità. Huwa ovvju li l-waqgħa tiegħu kienet frott id-dgħufija umana tiegħu, iżda mhux daqshekk ovvju l-kapaċità li qed naraw fih li jqum minn din il-waqgħa. Kemm hawn min iddispra, ta għall-ħela, qata' qalbu għalkollox, jew saħansitra neħħa ħajtu b'idejh (biex paxxa lix-xitan). San Ġiljan jgħallimna mod ieħor. San Ġiljan qed jagħtina xhieda li l-imħabba ta' Alla hi tant bla qies, kif inhi l-ħniena tiegħu.

[12] Hawnhekk qed naraw emulat lil Kristu nnifsu fil-missjoni tiegħu fuq din l-art. Meta kien ifejjaq Ġesù ma kienx jiffoka fuq it-tbatija materjali iżda fuq il-ħelsien sħiħ spiritwali. Hekk qed jagħmel Ġiljan mal-pazjenti tiegħu.

[13] Sabiħa tabilħaqq dil-ħaġa. Ġiljan m'għadux ippreokkupat bis-salvazzjoni ta' ruħu, iżda qed ifittex li jsalva l-erwieħ l-oħra imġarrba bħalu. X'ma jaħfirlux il-Mulej bniedem bħal dan, li nesa lilu nnifsu għalkollox, u ngħata għall-oħrajn kompletament. U għamel dan mhux għax kien qata' qalbu minnu nnifsu, anqas xejn, anzi għamel dan għax kien konvint, kien ċert, li l-imħabba ta' Alla hi bla qies u l-ħniena tiegħu hi bla tarf. Alla jħobbna dejjem, huwa aħna li rridu niddeċiedu naċċettawx din l-imħabba jew le.

[14] Dan hu valur Nisrani ieħor li naraw fil-qaddis tagħna. Kull bniedem huwa xbieha ta' Alla. M'hemmx distinzjoni bejn fqir u sinjur, mara u raġel, kbir jew żgħir, tajjeb jew ħażin. Kulħadd jistħoqqlu li jkun maħbub.

[15] F'rakkonti oħra Ġiljan juża d-dgħajsa, iżda hawn l-awtur irid jemfasizza l-impenn personali ta' bniedem li ried iġorr is-salib ta' Kristu fuq spallejh. Irridu ninsew dettalji oħra dwar kemm kienet fonda x-xmara; dwar jekk kienx possibbli taqsamha fuq saqajk u argumenti oħra bħal dawn. Ix-xena li qed jagħtina l-awtur hija waħda li trid tevoka din l-immaġini ta' Kristu jġorr is-salib. Ġiljan joħroġ minn friexu, jidħol fl-ilma ngazzat, jikkumbatti mal-kurrenti kuntrarji, jgħabbi lill-midrub fuq spalltu u jġorru lura.

[16] L-awtur iħalli barra dettalji grafiċi li rajna drabi oħra fejn il-marid jitlob lil Ġiljan jinża ħwejġu u jidħol f'soddtu biex isaħħnu bis-sħana ta' ġismu. Hawnhekk, wara li tawwal ħafna dwar il-ħajja eżemplari tal-qaddis, ix-xena tal-viżjoni mirakoluż iseħħ malajr bla mistenni.

[17] Iddiskutejnieha drabi oħra din: hemm żewġ verżjonijiet ta' din ix-xena; jew li San Ġiljan kellu dehra ta' Ġesù nnifsu, inkella ta' anġlu mibgħut minnU. Jidher li matul is-sekli kien hemm xi diżgwid fit-traduzzjonijiet fejn kelma waħda biss setgħet tibdel it-tifsira. Mill-ġdid, mhux importanti min dehrlu iżda huwa importanti l-messaġġ li qed jitwassallu: dak tal-maħfra sħiħa.

[18] Xena sabiħa fejn Ġiljan jikseb ix-xeħta ta' qaddis meta jkun għadu fuq din l-art.

[19] Tant hi sħiħa l-bidla f'Ġiljan, tant hi konvinċenti l-konverżjoni tiegħu, li meta sseħħ il-viżjoni sopranaturali ma jinbidel xejn f'ħajtu, anzi huwa jkompli bil-ħidma tiegħu mal-fqir u l-batut. Mela ma jgħidx xogħli lest, issa ħa nistrieħ. San Ġiljan sab it-tifsira vera tal-ħajja Nisranija u din issa mhu se jibdilha ma xejn.

[20] Il-lukandier kellu rwol importanti fil-ħajja tal-pellegrini li kienu jivvjaġġaw fuq saqajhom għal żminijiet twal. Daqstant ieħor kien l-irwol ta' ospitalier. F'San Ġiljan dawn iż-żewġ rwoli jitwaħħdu. San Ġiljan jieħu ħsieb il-bżonnijiet tal-pellegrin, il-kura ta' ġismu u saħansitra ta' ruħu wkoll. Huwa importanti li dan it-titlu ma nħalluhx barra meta nitkellmu dwar il-qaddis li nivveneraw fil-parroċċa tagħna: huwa San Ġiljan l-Ospitalier, u l-kelma ospitalier għandha sens doppju, wieħed marbut ma' sptar u l-ieħor mal-ospitalità.

[21] Hawnhekk għandna deskrizzjoni eżatta ta' kif waslet għandna l-istorja ta' San Ġiljan.

[22] Dan ir-rakkont żgur li jista' joffri bażi tajba għal wieħed mill-isbaħ paniġierki li jistgħu jintisġu f'ġieħ San Ġiljan.